MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Numru. 1181/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR FRANS MICALLEF**

**KONTRA**

**MARK CAUCHI ta' 31 sena, iben John u Margaret nee' Gauci, imwieled Attard nhar id-19.05.1980, residenti fil-fond numru 75, Triq in-Nazzarenu, Rahal Gdid, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 252880M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **MARK CAUCHI** li gie akkuzat talli:

Nhar it-2 ta' Gunju, 2008 f'Hal-Tarxien, ghall-habta tal-11.30pm, ikkommetta serq ta' flus ghad-detriment ta'

Emmanuel Cauchi, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, mezz, u bil-valur, liema valur huwa anqas minn Lm100.00;

U aktar talli f'Hal-Luqa, nhar it-8 ta' Gunju, 2008, ghall-habta ta' nofsinhar, ikkommetta serq ta' CD player tal-marka Pioneer minn go vettura AMG 020 ghad-detriment ta' Jesmond Vassallo, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa;

U aktar talli fl-istess dati u fil-granet ta' wara, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom;

U aktar talli nhar it-2 ta' Gunju, 2008 f'Hal-Tarxien, ghall-habta tal-11.30pm, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn €116 (Lm50.00), izda anqas minn €1,164.39(Lm500.00) u dan gewwa Corner Pet Shop li jinsab 1, Triq San Guzepp, Tarxien.

Rat l-ammissjoni minnu registrata fi stadju bikri tal-proceduri (interrogatorju).

Rat li ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, kif ukoll li gie prezentat id-debita l-kunsens ta' l-Avukat Generali.

Rat li gie ordnat Pre-Sentencing Report li gie debitament prezentat.

Rat il-konkluzjonijiet hemm redatta.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi stante l-ammissjoni, din il-Qorti qieghda ssibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-Artikoli 261, 334, u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Qieset dwar il-piena li sal-lum huwa ghandu problema relatata ma’ l-abbuz tad-droga – ghaldaqstant qieghda, bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sentejn(2) sospizi ghal erba’(4) snin;
Rat ukoll l-Artikolu 28G tal-imsemmi Kapitolu, u qieghda tqieghed lil Mark Cauchi taht Ordni ta’ Supervizjoni ghal perjodu ta’ sentejn(2). Tul dan il-perjodu ghandu jkun taht is-sorveljanza ta’ l-Ufficju tal-Probation Services. Mark Cauchi ghandu josserva b’mod rigoruz kull direttiva lilu moghtija mil-istess Ufficjal Supervizur jew minn kwalunkwe agenzija appozita.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------